# IS-SURMAST ŻEJTUNI ESPEDITO DEGUARA A. Mus L.C.M.



Is-Surmast Espedito Deguara twieled iż-Żejtun fil-25 ta' Lulju, 1904

Huwa ħa l-ewwel edukazzjoni tiegħu fl-iskola taż-Żejtun u wara kompla jistudja fil-Kulleġġ tal-Freres f'Bormla. Fl-1919 beda kors ta' ħames snin apprentist fid-Dockyard. Fl-1927 imjiega ruħu bħala Engine Fitter mas-Servizzi Ngliżi minn fejn baqa' jaqla l-għixien tiegħu u tal-familja sakemm irtira bl-eta' fl-1964. L-ewwel lezzjonijiet fil-mużika ħadhom meta kellu ħmistax il-sena mingħand missieru stess, Salvu, li kien ikoqq il-klarinett mal-Orkestra Santa Katerina taż-Żejtun. Espedito ma damx wisq ma sab ruħu jdoqq il-klarinett ukoll maġemb zijuh li kien il-klarinettista solist tal-istess orkestra. L-ambizzjoni ta' Espedito li jdoqq bħala solista, wasslitu biex fi żmien qasir, wara li ġie nieqes il-prim kurunettista tal-orkestra, tgħallem il-kurunetta minn taħt idejn id-Direttur tal-istess orkestra s-Surmast Guze' Cassar biex hekk Espedito sab ruħu bħala l-kurunettista solist tal-orkestra Sta. Katarina taż-Żejtun.

Fl-1933 is-Surmast Guze Cassar miet u għalhekk il-Kumitat tas-Soċjeta' Sta. Katarina kellu jfittex Direttur ġdid. Ma kellux għalfejn imur il-bogħod ħafna. It-talenti mużikali, l-enerġija u d-dedikazzjoni tal-kurunettista solist tal-istess orkestra għamluha faċli għall-kumitat li jiddeċiedi ħalli joffri d-direzzjoni tal-orkestra lil Espedito Deguara. B'hekk, fl-eta' ta' 29 sena Espedito ġie maħtur Direttur tal-orkestra Sta. Katarina taż-Żejtun fejn dam hekk għal 15 il-sena.

Taħt id-direzzjoni tas-Surmast Deguara l-orkestra Sta. Katrina kienet tesegwixxi programmi operistiċi u sinfoniċi fil-pjazzez u servizzi reliġjużi fil-knejjes ta' bosta bliet u rħula ta' Malta. Sadanittant, is-Surmast Deguara kien diġa' beda jistudja l-armonija, kompożizzjoni u kontrapont. F'dan ir-rigward kien ikkompona diversi xogħolijiet fosthom "Tantum Ergo", "Salve Regina", "Te Deum", "Miserere", diversi "għasar", "antifoni" u "quddiesa solenni".

Wara li tgħallem il-pjanu għand is-Surmast Carmelo Pace F.L.C.M. is-Surmast Deguara ha d-Diploma A. Mus L.C.M. fl-1940.

Is-suċċessi li bdiet tikseb l-orkestra tas-Soċjeta' Sta. Katarina taż-Żejtun taħt it-treġija tas-Surmast Espedito Deguara waslu wkoll f'widnejn is-Soċjeta' Mużikali Sta. Katarina taż-Żurrieq. B'hekk, wara ir-riżenja tas-Surmast Ferdinando Falzon fl-1944, is-Surmast Espedito Deguara ġie maħtur direttur tal-Orkestra Sta. Katarina taż-Żurrieq ukoll.

Ix-xewqa tal-membri tas-Soċjeta' taż-Żurrieq kienet li minflok l-orkestra, tiġi ffurmata banda. Is-Surmast Deguara qatgħlhom xewqithom u wara hafna taħbit, xogħol u tagħlim, bil-kuraġġ u bl-enerġija tiegħu, il-Banda Sta. Katarina taż-Żurrieq ħarġet iddoqq għall-ewwel darba fis-17 ta' Novembru 1946, jiġifieri sentejn biss wara li s-Surmast Deguara ħa treġija tal-Orkestra taħt idejh. Huwa dam direttur mużikali tal-banda Sta. Katarina għal 40 sena sħaħ jiġifieri sakemm ma setax ikompli iżjed minħabba raġunijiet ta' saħħa meta fil-11 ta' Lulju, 1986 bagħat ir-riżenja tiegħu.

Fost il-kompożizzjonijiet li kiteb insibu marċi brijużi, funebri, u sinfoniċi, notturni u preludji fosthom "Ring Bells Ring", "Gavotte", "Intermezzo, Terzetto e Coro" u s-sinfonija "Destiny", li ġiet ippreżentata l-ewwel darba fir-Radio City Opera House, il-Ħamrun fl-1971. L-"Innu lil Santa Katarina", kompożizzjoni tas-Surmast Espedito Deguara ġie esegwit mill-Banda Santa Katarina għall-ewwel darba f'Novembru 1949. Dan l-innu, kompost fuq versi tas-Surmast Emanuel Palmier Ceci, jieħu sehem fih Tenur, Baxx u Kor. L-Innu marċ "Semma poplu l-vuċi tiegħek", innu ferm popolari maż-Żrieraq fil-jiem meta tiġi ċċelebrata l-festa titulari ta' Sta. Katarina huwa wkoll kompożizzjoni tas-Suramst Deguara.

Is-Surmast Deguara dderieġa l-Banda Santa Katarina fi tlett okkażjonijiet ġewwa Sqallija. Dawn kienu:

1) F'Awissu 1954 ġewwa Noto
2) F'Lulju 1955 f'Acireale u
3) F'Settembru 1959 ġewwa Catania.

Matul is-snin li dam Surmast tal-banda Santa Katarina huwa kkompona marċi għall-banda fosthom dawn il-marċi brijużi bl-isem: 25th November, Queen of Alexandria, Faustina, Jean d'Arc, Profirio, Paramount Star, St. Cecilia, Palm and Lily, Massimo, Triumph, I Tionfi di Noto, Il-Bandalora, Doriette, Donatello, Etienne, Vick, Ramon, Alida, 25 Sena, Pamsy u Kappillan Dun Vincenz Schembri Fundatur Soċ. Mużikali Sta. Katarina. Marċi oħra għall-Banda Sant' Andrija ta' Ħal-Luqa kienu: Bethsaida, 1883, u Andrea.

Marċi funebri miktuba mis-Surmast Deguara kienu : Dried Flowers, Tombstone, On My Mother's Tomb, May Father's Wreath, To My late Beloved Wife, Sul Golgota, Pensiero Funebre, Sulla Tomba u Mater Dolorosa.

Is-Surmast Espedito Deguara kien miżżewweġ darbtejn. L-ewwel mara tiegħu kienet Maria Speranza nee' Palmieri kienet mietet fis-6 ta' Marzu, 1943. Minn dan iż-żwieġ kellu wild wieħed - Joseph. Mit-tieni żwieġ li kien seħħ ma Fortunata nee' Micallef fid-9 ta' Frar 1947 huwa kellu żewġt ulied - Salvinu u Doris. Kemm l-ewwel, kif ukoll it-tieni mara tas-Surmast Deguara kienu Żwieten. It-tliet ulied ukoll twieldu ż-Żejtun.

Mro. Deguara miet fid-dar tiegħu f'Ħal Luqa fis-7 ta' Jannar 1994 fl-eta' ta' 89 sena. Il-funeral sar l-għada t-8 ta' Jannar 1994. Wara quddiesa 'presentae cadavere' fil-knisja Parrokkjali ta' Ħal Luqa, il-Kadavru ta' Mro. Deguara ttieħed iż-Żurrieq fejn il-Banda Sta. Katarina kkumpanjatu b'daqq ta' marċi funebri li huwa stess kien ikkompona matul il-karriera twila tiegħu. Ġewwa ż-Żurrieq il-kadavru ġie merfugħ mill-membri tas-Soċjeta' Sta' Katarina. Flimkien mal-familjari, ħbieb u membri tas-Soċjeta' Sta. Katarina taż-Żurrieq, ħadu sehem waqt il-korteo rappreżentanti mis-soċjetajiet kollha taż-Żurrieq, Akkumpanjaw ukoll standardi ta' soċjetajiet mużikali Maltin.

Is-Surmast Deguara ġie midfun fiċ-Ċimiterju ta' Santu r-Rokku f'San Girgor, iż-Żejtun fil-qabar tal-familja. Fil-jum tal-funeral, il-bnadar tat-tlett każini mużikali taż-Żejtun ittellgħu mezz'asta b'sinjal ta' luttu.

**TAGĦRIF MIĠBUR MIS-SUR SALVINU DEGUARA IBEN IS-SURMAST ESPEDITO DEGUARA.**